MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1236/2009

**L-Universita' ta' Malta**

**-vs-**

**Michael Mallia, Alfred Mallia u Saviour Mallia; u b'digriet tal-11 ta' Ġunju 2010 ġie kjamat fil-kawża Redeemer Mallia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-18 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-Universita' ta' Malta ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-*plots* immarkati 18 u 18A, skont kif inhu mmarkat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala dokument A, it-tnejn akkwistati skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit datat l-4 ta' Mejju 1964, li kopja tiegħu qed tiġi hawn

annessa u mmarkat bhala dokument UOM 1 u kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi l-intimati ilhom jokkupaw l-proprjetajiet imsemmija mingħajr ebda titolu validu fil-liġi għal diversi snin;

3. L-Universita’ ta’ Malta għandha bżonn immedjat ta’ dawn il-proprjetatijiet sabiex tkun tista’ teżegwixxi l-funzjonijiet u taqdi d-dmirijiet tagħha naxxenti mill-Artikoli 72 *et sequitur* tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta’ Malta (l-Att dwar l-Edukazzjoni);

4. L-intimati ġew interpellati sabiex jivvakaw il-fond *de quo*, iżda baqgħu inadempjenti;

5. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi *ai termini* tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), sabiex dinil-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi, fil-fehma ta’ l-istess rikorrenti; l-intimati m’għandhomx l-ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-iżgumbrament tagħhom mill-imsemmija proprjetajiet kif jidher mill-affidavit tal-Professur Juanito Camilleri hawn anness u mmarkat bħala dok JC1 u kif ukoll mill-affidavit tal-Perit Christopher Spiteri (Direttur tax-Xogħlijiet tal-Universita’) (Dok CS);

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħidu l-intimati, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja uopportuna:

1. Tiddeċiedi dinil-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati qed jokkupaw bla ebda titolu validu fil-liġi l-*plots* immarkati 18 u 18A, skont kif inhu mmarkat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A, it-tnejn akkwistati skon kuntrat fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit datat l-4 ta’

Mejju 1964, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa bħala dokument UOM 1.

3. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmija artijiet fil-limit ta’ Wied Għollieqa, Birkirkara għar-raġunijiet fuq indikati u dan fi żmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Ġunju 2009, hawn annessa u mmarkata bħala dokument UOM 2 u l-ittra interpellatorja mibgħuta lill-Avukat Chris Cardona datata 29 ta’ Lulju 2009, hawn annessa u mmarkata bħala Dokument UOM 3. b’riserva ta’ kull azzjoni oħra kompetenti lir-rikorrenti, inkluża dik għad-danni minnha sofferti minħabba l-okkupazzjoni llegali tal-imsemmija proprjeta’ da parti tal-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Universita’ attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Jannar 2010 li permezz tiegħu l-konvenuti ġew awtoriżżati jippreżentaw risposta ġuramentata;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fid-9 ta’ Frar 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, qed jiġi eċċepit illi l-esponenti m’humiex leġittimi kontraditturi u għaldaqstatn għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll *in linea* preliminari qed jiġi eċċepit illi dina l-Qorti m’hijiex kompetenti sabiex tisma’ dan il-każ, *stante* illi dan jaqa’ taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tal-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’;

3. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u dana *stante* li l-

*plots* mertu ta' dina l-kawża jinsabu fil-pussess tal-familja Mallia b'titolu validu ta' qbiela, li jmur lura għal-aktar minn mija u għoxrin sena u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi l-esponenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-11 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu ġie msejjaħ fil-kawża Redeemer Mallia u n-nota tiegħu li permezz tagħha assoċja ruħu mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat illi l-istess konvenuti ma ressqux provi fis-seduta tal-11 ta' April 2011 (l-istess bħalma naqsu li jagħmlu fis-seduti precedenti) minkejja li l-kawża kienet imħollija għall-provi tagħhom.

Rat id-digriet mogħti fl-istess udjenza tal-11 ta' April 2011, fejn il-Qorti wara li ddikjarat il-provi tal-konvenuti magħluqa tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi fit-talba tagħha l-Universita' attriċi qed titlob li l-konvenuti jiġu żgombrati mill-art in kwistjoni, u dan *stante* li m'għandhom ebda titolu. L-Universita' ġabet il-provi dokumentarji neċessarji biex tipprova t-titolu tagħha. Min-naħa l-oħra l-allegazzjoni tal-konvenuti u l-imsejjaħ fil-kawża li huma għandhom titolu ta' lokazzjoni assolutament ma ġietx provata. Infatti l-unika xhud prodotta minnhom – Antonia Briffa, qalet biss li missierha kien iħallas qbiela mingħajr ma indikat lil min.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba**

**tordna li l-konvenuti jiżgombraw mill-proprjeta' in kwistjoni fi żmien xahrejn.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------